MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 205/2004

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Richard Attard**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' April tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun kkundannat:**

**1. Illi jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha sebghin Liri Maltin,**

**(LM3474.00,0) dovuti in konnessjoni ma' kambjali ffirmati u skaduti;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra bonarja tal-4 ta' Frar tas-sena 2004 bl-imghax legali;**

**3. Il-konvenut hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda guramentata tal-konvenut Richard Attard li ammetta t-talbiet dedotti fil-konfront tieghu;**

**Rat ukoll in-nota tal-konvenut datata l-1 ta' Gunju tas-sena 2004 li permezz taghha kkonferma x-xhieda tieghu moghtija viva-voce billi ammetta wkoll it-talbiet attrici kif dedotti;**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Richard Attard biex ihallas lis-socjeta' attrici Auto Sales Limited:**

**1. L-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u sebghin Lira Maltin, (Lm3,474.00,0) kambjali ffirmati u skaduti;**

**2. L-imghaxijiet legali dovuti mill-4 ta' Frar, tas-sena 2004;**

**3. L-ispejjez kollha dovuti.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------